Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019

SEDUTA NUMRU 1

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bessiera nhar it-tlieta 9 ta' Lulju 2019

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Kunsillier |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Prezenti wkoll, id-Dottoressa Amanda Cini, Kummissarju tal-Gustizzja

**Intqalet it-talba**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'ser jiġri fl-andament ta' din l-ewwel laqgħa. Informa li l-aktar kunsillier anzjan, fl-esperjenza ta' kunsillier iktar mill-eta ser imexxi din il-laqgħa hu – f'dan il-kaz huwa il-Kunsillier P. Fenech. Il-Kunsillier P. Fenech ser isaqsi lill kunsillier elett bl-aktar voti mill-partit li rebaħ il-mandat biex imexxi fil-lokalita' jaċċettax il-kariga ta' Sindku. La darba dan il-persuna jaċċetta, quddiem il-Kumissarju tal-Ġustizzja jittieħed il-ġurament tal-ħatra ta' Sindku, u jmexxi l-laqgħa hu. Is-Sindku l-ġdid jistaqsi lill-Kunsilliera eletta bit-tieni l-aktar voti tal-partit li jirrapreżenta hu taċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku, u la taċċetta, jittieħed ukoll il-ġurament ta' Viċi-Sindku quddiem il-Kumissarju tal-Ġustizzja.

Din is-seduta tkompli billi s-Sindku l-ġdid iqassam id-dekasteri l-ġodda lil kull Kunsillier. Ma jistax jiġi diskussi affarijiet oħra, sakemm ma jkunx hemm xi urġenzi.

Is-Segretarju stieden lil Kunsillier P. Fenech biex jagħti bidu għal laqgħa. Il-Kunsillier P. Fenech xtaq jeżerċizza il-privilegg tiegħu li jgħaddi kumment qabel ma jistieden lis-Sindku l-ġdid għal ħidma tiegħu f'din il-leġislatura.

Beda billi ta merħba lill membri ġodda tal-Kunsill, lil Kunsilliera Anna Pisani, Rowena Scicluna u lil Edgar Rossignaud, u irringrazzja lill ex-kunsilliera Dr. Justin Fenech, Alfred Curmi u lil Mauro Miceli tal-ħidma tagħhom fl-aħħar Kunsill/i.

Qal li ħadem ma' ħafna Sindki, imma faħħar lis-Sindku precidenti Noel Muscat li dejjem tah iċ- ċans jaħdem bla tfixkil. Dan għax hemm rispett bejn il-Kunsilliera, u jispera li dan ir-rispett ikompli ma' xulxin – ġa li kunsill jimxi 'il quddiem kemm il-membri tiegħu jirrispettaw lil xulxin

Xtaq jagħmel xi ftit osservazzjonijiet qabel il-bidu ta' din il-leġislatura, fosthom:

Xtaq li s-seduti jibdew fil-ħin puntwali.

Xtaq li l-Minority leader ikollu slot regolari f'kull laqgħa

Għamel osservazzjoni li mhux kemm aħna bravi imma kemm nuru li għamilna xogħol li jgħodd

Xtaq li nagħmlu effort nattendu għal attivitajiet tal-Kunsill

Fl-aħħarnett qal li hemm rapport super eċċellenti ma' l-istaff, u talab li nirrispetaw iktar lil xulxin.

Wara dawn l-osservazzjonijiet staqsa lil Noel Muscat, il-Kunsillier l-aktar li ġab voti tal-partit rebbieħ fl-elezzjoni tal-Kunsill jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Muscat aċċetta.

Il-Kumissarju tal-Ġustizzja Dr. Amanda Cini għamlet il-ġurament tal-ħatra ta'Sindku lis-Sur Muscat.

Noel Muscat

Sindku

Vincent Tanti

Segreatrju Eżekuttiv

Wara dan, is -Sindku l-ġdid is-Sur Muscat staqsa lis-Sinjura Maryanne Abela, il-kunsilliera tal-partit rebbieħ fl-elezzjoni li ġabel it-tieni l-aktar voti taċċettax il-kariga ta Viċi-Sindku. Is-Sinjura Abela aċċettat, u hi ukoll għamlet il-ġurament tal-ħatra quddiem Dr. Cini.

Din is-seduta kompliet billi s-Sindku qassam id-dekasteri lil kunsilliera eletti kif ġej: (anness A lista iktar ddettaljata)

| Kunsillier | Portfolio | Assistit |
|---|---|---|
| Noel Muscat | Infrastrattura<br>Proġetti Kapitali<br>Negozji<br>Finanzi | Edgar Rossignaud<br><br>Matthew Bonello<br>Alex Chetcuti<br>Alfred Curmi<br>Godfrey Leone Ganado |
| Mary Anne Abela | Innovazzjoni<br>Sigurta' u ordni Pubblika<br>Kommunikazzjoni u PR<br><br>Konferenzi Nazzjonali | Lexy Sciberras Callaby<br><br>Rowena Scicluna<br>Alfred Curmi/ Justin Fenech<br><br>Mauro Miceli |
| Rowena Scicluna | Animal Welfare<br><br>Dwal tat-toroq | Rita Giordano<br>Sotto kumitat<br>Mark Stephenson |
| Paul Fenech | Kultura<br>Integrazzjoni Socjali<br><br>Progetti EU<br>Bini tal-Kunsill | Ann Ringland, Joe/Rose Trapani<br>Noel Muscat<br>Manuel Borda, Bernard Vassallo<br>Mauro Miceli/ Dr. Justin Fenech |
| Anna Pisani | Zgħazagħ u tfal<br>Edukazzjoni<br>Turiżmu | Tyler Cassar<br>Lucia Vassallo/ Paul Fenech<br>Noel Muscat |
| Theresa Valentino | Anzjanita' Attiva<br><br>Saħħa<br>Attivitajiet | Lucia Vassallo/Miriam Decelis<br>Theresa/Brigit Micallef/ Charles Palimier<br>Tim Swieqi Sports Association |
| Edgar Rossignaud | Ambjent<br>PA u kostruzzjoni | Noel Muscat/ Anton Valentino<br>Raphel Soler/Matt. Tabone |

| | | |
|---|---|---|
| | | Anton Valentino/ Geo. Papagiorcopolo |
| Matthew Bonello | Sport u Attivitijiet sportivi | Justin Fenech/ Orlando Bonnici<br>Mauro Miceli |
| Alex Chetcuti | Tindif tat-toroq u ġbir Ta' l-Iskart | Noel Muscat<br>Caroline Caruana |

Kull Kunsillier aċċetta d-dekasteru tiegħu

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq punt li wara li tkellem qabel mas-Sindku ħass li hija emerġenza. Din tirrigwarda applikazzjoni għal fondi mis Segretarjat Parlamentari għal-Biedja, sajd u Drittijiet ta l-Annimali għal proġetti relatati mal-kura ta' l-annimali.

Is-Segretarju spjega li peress li hemm deadline għal applikazzjoni sal-Ġimgha 12 ta' Lulju, u hu iltaqa diversi drabi mas-Sinjura Rita Giordano, li hija l-unika feeder reġistrata mad-dipartiment, u li għandha wkoll NGO f'dan il-qasam. Dan wara li rċieva diversi telefonati, visiti u emails fuq din l-iskema.

Pprepara program l-aktar ibbazat fuq in-neutering u shelters għal annimali slavaġ li jinsabu fil-lokalita, u jmiss li l-Kunsill japprova dan il-programm.

Il-Kunsill approva l-applikazzjoni u ser tiġi fiinilizzata l-għada 10 ta' lulju wara laqgħa bejn is-Segretarju u l-Kunsillier R. Scicluna

Din is-seduta giet fi tmiemha fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju 2019 fis 17.00.

Noel Muscat

Sindku

Vincent Tanti

Segreatrju Eżekuttiv